MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 193/2011

A B
**Vs.**

L-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina b'digriet tat-22 ta' Lulju 2011 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), f'Malta, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wiehed, disgha, hamsa, tlieta tas-sena elfejn u tnejn (1953/2002), u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' zwieg relattiv illi qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JF' 1;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed;

3. Illi l-partijiet isseparaw fid-disgha (9) ta' Ottubru, elfejn u disgha (2009) permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JF 2';

4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u kif ukoll illi l-intimat minhabba anomalija psikolgika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga;

6. Illi in oltre, l-kunsens tal-intimat inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg;

7. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

8. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002), huwa null u minghajr efett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

2. Tordna li dina n-nullita' taz-zwieg fuq imsemmija tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu hatret lil Dr Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D fl-atti ta’ din il-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-assenti C D jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(a), (d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(a) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali jew biza’</u>**

L-attrici tghid li l-intimat kien igieghlha tkun intima kontra r-rieda taghha u dan kemm qabel u kemm wara z-zwieg, tant li tirrakonta kif l-intimat harigha tqila f’episodju meta kien ukoll sfurzaha tkun intima mieghu. Il-Qorti tirrileva li l-

fatt li l-intimat kien igieghlha u jisfurzaha tkun intima mieghu kontra r-rieda taghha huwa prova cara tad-dominanza tal-intimat fuq l-attrici u jaghti wkoll sens lid-dikjarazzjoni taghha meta tghid li fiz-zmien tat-tieg kienet hassitha bla kontroll. Huwa saput li l-vjolenza fizika, f'dan il-kaz abbuz sesswali, jista' jwassal lill-partijiet fi stat li l-kunsens li jaghtu lil xulxin ma jkunx wiehed validu f'ghajnejn il-ligi ghaliex proprjament, tali kunsens ma jkunx wiehed liberu u frott ta' decizjoni posittiva izda frott tal-intimidazzjoni u l-vjolenza kommessa. Huwa ghalhekk li l-qrati taghna dejjem irritenew li "***Il-kunsens moghti taht l-effetti ta' vjolenza fizika jew morali, jew b'biza', mhuwiex kunsens hieles u ghalhekk ma jistax jitqies li hu validu biex jorbot il-parti konsensjenti*"[1]**.**

Il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm il-kuncett ta' "vjolenza" u "biza" huma relatati, ghaliex effettivament il-"biza" hija l-effett tal-"vjolenza", l-artikolu 19 (1) (a) jikkunsidrahom separatament. Il-vjolenza fizika jew morali hija pressjoni ezercitata minn agent estern fuq persuna li tkun ser tizzewweg sabiex b'hekk jigu influwenzati l-azzjonijiet taghha. Il-biza' hija l-effett li l-forza fizika jew morali tinduci f'mohh il-persuna. Il-Qorti hija konvinta li l-attrici, vittma tal-karattru dominanti u abbusiv tal-intimat, ma kellhiex il-liberta' rikjesta sabiex taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg izda esternament immanifestat tali kunsens sforz tal-biza li tega' tigi soggettata ghal xi forma ta' vjolenza ohra, kif fil-fatt gara dak inhar tat-tieg stess, meta l-intimata ghax kellha seba' xhur tqala, rrifjutat li tkun intima mar-ragel biex spiccat qalghet xeba' kbira[2], u kif kompla jigri fiz-zwieg. Hi stess tirrakkonta episodji fejn l-intimat issoggettaha ghal swat bil-frosta, ghal abbuz sesswali u perverzjonijiet ohra tant li kien kwazi wassalha biex tiehu hajjitha b'idejha. Anke ommha Maria Assunta B tikkonferma dan l-episodju fejn l-attrici kwazi hadet ruhha b'idejha[3]. Huwa minnu li dawn ix-xebghat jidhru li saru wara z-zwieg izda il-Qorti tirrileva wkoll li l-abbuz sesswali li kkommetta l-intimat qabel iz-zwieg u li permezz tieghu

[1] Ara l-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis** deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Ara a fol 68 tal-process
[3] Ara a fol 81 tal-process

sahansitra harigha tqila, nehhielha kull sens ta' liberta' u ghazla sabiex tiddeciedi jekk verament riditx tizzewweg jew le. Tant hu hekk, li l-istess attrici tghid li kieku ma kienitx ghat-tqala taghha (li kienet frott ta' att ta' abbuz u mhux frott ta' mhabba), zgur li ma kienitx tizzewweg.

Il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-intimat kien jissuggettaha ghal tali abbuz, dan bilfors kellu effett negattiv fuqha u fuq il-hsieb taghha, tant li hi stess tghid li ma kellhiex energija tahseb. Izda jidher ukoll li l-vjolenza kommessa mill-intimat ma kienitx wahda fizika biss izda kienet wahda morali wkoll ghaliex l-attrici tghid ukoll li kienet mhedda minnu biex ma titkellem ma' hadd[4].

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[5] fejn inghatat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi ippruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem il-Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Abbazi tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, il-Qorti tirrileva li l-biza' u l-pressjoni da parti tal-intimat tammonta ghal dik il-biza' li tinvalida l-kunsens matrimonjali ghaliex il-vjolenza fizika li garrbet l-attrici (li minnha nnifisha hija ta' natura gravi u ingust) kienet determinanti ghall-ghoti

[4] Ara a fol 68 tal-process
[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

tal-kunsens taghha ghaliex, tenut kont tat-theddid tal-intimat fis-sens li l-attrici ma setghet tghid lil hadd lanqas bit-tieg innifsu[6], kif ukoll tal-fatt li l-attrici kienet taf li l-intimat jasal biex iwettaq it-theddid (u dan qieghed jinghad in vista tal-abbuz sesswali li huwa kkommetta fil-konfront taghha), l-attrici ma setghet qatt taghti kunsens hieles.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

L-attrici permezz tal-affidavit taghha[7] tghid li ghall-ewwel sena, l-gherusija taghhom kienet wahda stabbli u kuntenta izda kif kompla ghadda z-zmien, l-intimat beda jsir ghajjur. L-attrici li kien ghad ghandha tmintax –il sena (wara l-ewwel sena mal-intimat) tghid li interpretat din l-ghira bhala mhabba. Tghid ukoll li l-genituri taghha ma kienux kuntenti bih, tant li missierha qallha li kien ser jaqtaghha mill-wirt jekk tibqa' mieghu. L-attrici tghid ukoll li apparti l-ewwel sena li kienu flimkien, qatt ma regghet kienet kuntenta mieghu ghax kien igieghlha jkunu intimi flimkien anke kontra r-rieda taghha, tant li meta harget tqila, dan kien rizultat ta' episodju fejn l-intimat sfurzaha jkollha x'taqsam mieghu. Tghid ukoll li baqghet mieghu mhux ghax verament riedet hekk imma ghax bezghet li tibqa' wahedha. Hi tkompli tghid li ghalkemm ma kienitx kuntenta, zzewget biss ghax kienet tqila u ghax fi kliemha stess "***b'tarbija ma stajt nippjana xejn. Hassejtni bla kontroll ta' xejn. Energija biex nahseb ma kellix. Psikologikament kont imkissra***"[8]. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismiijiet **Briffa Emanuel vs Briffa Veronica et**[9] fejn gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun***

[6] Ara a fol 68 tal-process
[7] Esebit a fol 66 tal-process
[8] Ara a fol 68 tal-process
[9] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***necessarja u sufficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". X'tip ta' liberta' psikologika seta' jkollha l-attrici biex taghti kunsens validu meta l-intimat kien ilu jabbuzaha sesswalment u jheddida bil-mod kif spjegat aktar 'il fuq? X'tip ta' ghazla setghet hasset li kellha l-attrici in vista ta' tali abbuz? Il-Qorti tirrileva li l-attrici, fil-mument tal-kunsens, kellha seba' xhur tqala. Tqala li kienet frott ta' episodju ta' vjolenza u mhux frott tal-imhabba. Tenut kont tal-fatti kollha, kif ukoll tad-dikjarazzjoni maghmula mill-attrici stess meta tiddikjara li li kieku ma kienx ghall-fatt li kienet tqila zgur li ma kienitx tizzewgu, il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-attrici hassitha mahkuma minn aspetti tant differenti u koroh fl-istess hin, fosthom il-vjolenza kemm morali kif ukoll fizika li fil-hin tal-kunsens, hi stess tghid li ghaliha "***kien kollu teatrin***"[10] ghaliex ma kienitx ferhana izda xorta wahda dahlet ghaz-zwieg.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[11] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

[10] Ara a fol 68 tal-process
[11] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[12] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attrici tghid li ma kellhiex is-sahha tahseb, ahseb u ara kemm kellha s-sahha (tenut kont ukoll tal-fatt li kellha seba' xhur tqala) li targumenta, taqla' xi xeba' ohra u tirrifjuta li tizzewweg.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(f) u cioe' li l-kunsens tal-intimat inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

L-attrici fl-affidavit taghha taghti x'tifhem li l-intimat ghandu gibdiet lejn nies tal-istess sess, tant li ssemmi persuna partikolari u tghid li temmen li dawn huma aktar minn zewgt ihbieb. Anke mill-mod ta' kif tiddiskrevi li kienu jkunu intimi, l-attrici taghti x'tifhem b'mod car li kien l-intimat li kien jiddetta kollox kif u meta ghandu jsir, minghajr ma jaghti xi forma ta' kaz dwar dak li forsi tkun riedet jew xtaqet l-istess attrici. Il-Qorti taghmel referenza

[12] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

wkoll ghax-xhieda ta’ omm l-attrici, Maria Assunta B fejn tghid li darba fost l-ohrajn, marret it-Tunezija mal-partijiet. L-intimat, minflok ma raqad ma’ martu u t-tifel, raqad fl-istess kamra mal-habib tal-qalb tieghu Salvu. Anke dan l-episodju xejn ma jaghti stampa sabiha tal-intenzjonijiet tal-intimat versu martu, specjalment in vista tal-fatt li jidher li dan il-habib tal-qalb kien kostanti f’hajjet l-intimat u kien importanti ghalih, zgur li aktar mill-mara u t-tifel.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat qatt ma offra xi forma ta’ sapport ghaliha u qatt ma taha sold, la ghaliha u lanqas ghal binhom. Il-manteniment, li ragel ikun ta’ sapport u ta’ spalla ghal martu (kif wara kollox ghandha tkun ukoll il-mara ghar-ragel) juri kemm l-intimat qatt ma ried jifforma dik ir-rabta dejjiema maghha, ghaliex kien fl-ewwel lejl li taha l-ewwel xeba’ kbira, filwaqt li l-abbuz sesswali kompla fejn kien halla qabel iz-zwieg. L-intimat m’ghamel xejn ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti miz-zwieg ghaliex lil martu halliha tfendi wahedha, kemm finanzjarjament (ghaliex kif tikkonferma l-attrici stess kif ukoll Antoine Fench[13], l-intimat qatt ma hadem) izda fuq kollox emozzjonalment u psikologikament. Mill-provi jidher car li l-intimat qatt ma kellu intenzjoni li verament ikun ragel ghall-attrici jew li ghall-anqas prova jissodisfa l-obbligi tieghu fiz-zwieg ghaliex mill-ewwel gurnata taz-zwieg taghhom, wera l-vera karattru tieghu u l-intenzjonijiet tieghu li jkompli jiddomina lill-attrici. F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[14] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

[13] Ara a fol 76 tal-process
[14] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

L-attrici tghid ukoll li l-intimat kellu relazzjonijiet adulteri ghaliex filwaqt li taghmel referenza ghall-possibilita' kbira li l-intimat kellu gibdiet lejn l-irgiel, tghid ukoll li minkejja li maghha ma kienx juza kontracettivi, mhux l-ewwel darba li sabitlu xi kaxxa bin-nieqsin. Ir-risposta li kien jaghtiha l-intimat kienet tkun li sab il-kaxxa mal-art u gabarha. Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, l-attrici trid necessarjament tipprova li l-intimat ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu ghal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-fedelta'. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[15] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***". Ragel li ghandu hbiberija li tigi meqjusa mill-intimat bhala aktar importanti f'hajtu milli l-familja tieghu stess u ragel li jippreferi jorqod mal-habib tieghu milli mal-mara u t-tifel u ragel li jwaqqa' l-kaxex tal-kontracettivi bin-nieqsin juri bl-aktar mod car li qatt ma kellu intenzjoni li jkun fidil lejn martu, ghaliex kif qatt jista' ragel jkun fidil lejn martu meta kien migbud lejn ragel iehor u m'ghamel xejn biex izomm 'il boghod minnu?

Il-Qorti tirrileva li fil-kawza odjerna, kienet l-attrici biss li resqet il-provi taghha u dan *stante* li minkejja li l-intimat kien rapprezentat minn kuraturi deputati, permezz tar-risposta guramentata taghhom huma kkonfermaw li m'humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri. Izda mill-provi migjuba, il-Qorti hija moralment konvinta u dan sal-grad rikjest mill-ligi li l-kunsens ghaz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien vizjat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(a), 19(d) u 19(f) tal-Kap. 255. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat hlief

[15] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

ghal dawk relatati mal-kuraturi deputati li ghandhom jigu mhallsa provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------